**BIRGU**

Citta' Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** – Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166
e.mail : **birgu.lc@gov.mt** website : **www.birgu.gov.mt**

---

## Minuti tal-laqgħa 22 (06)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' għal laqgħa numru 22 fl-uffiċini amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta' Franza nhar il-Ħamis, 3 ta' Ottubru, 2013 f'12.00 (f'nofs inhar) fil-Berġa ta' Franza.

### Prezenti

Is-Sindku s-Sur John Boxall, il-Viċi Sindku, S-Sur Trevor Mizzi u l-Kunsilliera s-Sur Anton Gellel u s-Sur Lawrence Attard.

Is-Sur Trevor Mizzi daħal għal-laqgħa f'12.45 ta' wara nofs inhar.

Is-Sur Alan Cassar talab li jkun skuzat.

Is-Sinjura Isabella Testaferrata De Noto, Deputat Segretarja Ezekuttiv.

### Talba

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ta bidu għal-laqgħa.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Il-Kunsil approva unanimament il-minuti ta' l-21 laqgħa.

1.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għall-programm Xarabank li ser isir nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Ottubru 2013 kienu ser jattendu madwar erbgħin resident.

1.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sur Daniel Gafa kien beda ix-xogħol ta' *part time clerk* mal-Kunsill.

1.4 Is-Sindku tkellem dwar il-fondi li l-Kunsill għandu taħt l-*Urban Improvement Fund*. Il-Kunsill qabel unanimament li b'dawn il-fondi jsir *resurfacing* ta' toroq.

1.5 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienet ħarġet il-kwotazzjoni għall-*on line streaming* waqt il-laqgħat tal-Kunsill. Dawn l-offerti kienu jagħlqu fit-18 ta' Ottubru 2013. Is-Sindku qal li jekk il-kwotazzjoni mitfugħa jkunu aktar mill-ammont li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien ser jagħti, il-Kunsill għandu jinforma lid-Dipartiment peress li l-Kunsill ma kellhux fondi.

F'12.45 ta' wara nofs inhar is-Sur Trevor Mizzi daħal għal-laqgħa.

1.16 Is-Sindku nfurma lill-Kunsill dwar il-laqgħa li kellhu mas-Sur Richard Matrenza sabiex jiġu organizzati laqgħat għar-residenti tal-Birgu bit-tema 'Id-Dinja tax-Xogħol'.

2. <u>Korrispondenza</u>

2.1 Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-approvazzjoni sabiex is-Sinjura Isabella Testaferrata De Noto tinħatar Deputat Segretarja Eżekuttiv b'effett mit-22 ta' Settembru 2013.

2.2 Inqrat korrispondenza mibgħuta mil-Membru Parlamentari is-Sinjura Marlene Farrugia fejn offriet kura dentali bla ħlas lit-tfal taħt is-sittax-il sena residenti fil-Birgu.

2.3 Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Agius sabiex tingħata permess sabiex tarma stall bl-imwejjed u s-siġġijiet kif tidħol mill-Mina tal-Fortini. Il-Kunsill qabel unanimament li ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

2.4 Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill lill-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura dwar żona mitluqa fi Triq San Dwardu. Il-Kunsill talab l-għajnuna sabiex din iz-żona titnaddaf u tingħata dehra oħra.

2.5 Inqrat korrispondenza mibgħuta lis-Segretarju tal-Klabb tar-Regatta dwar l-att vandalu li sar fil-latrini tan-nisa li tinsab fiż-żona tat-toqba. Is-Sindku qal li l-pulizija kienet ġiet innotifikata u l-lattrina ġiet mnaddfa u rranġata minnhu. Il-Kunsill qabel li lattrina tibda tingħalaq fis-7.00 ta' filgħaxija.

2.6 Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Awtorita' tal-Ippjanar dwar zvillup ta' *Solar Farms* fil-Birgu. L-Awtorita'tal-Ippjanar talbet sabiex il-Kunsill jissottometti l-proposti tiegħu dwar dan is-suġġett. Is-Sindku talab sabiex il-Kunsill jitlob espert tekniku tal-Inġinir Renzo Curmi. Il-Kunsill qabel li jitħejja rapport u tiġi proposta ż-żona tal-Glaziz sabiex isiru dawn il-pannelli.

2.7 Inqrat korrispondenza mibgħuta lill-Kunsill ta' Belvi dwar l-applikazzjoni ta' parteċipazzjoni fil-proġett *Our Green Future* li ser isir bejn l-20 u 27 ta' Ġunju 2014.

2.8 Inqrat korrispondenza mibgħuta lill-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura fejn il-Kunsill talab l-għajnuna sabiex isir *resurfacing* ta' Triq Desain u Triq il-Kardinal. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien qed jidħol fi spiza kull darba biex isir *patching* f'dawn it-toroq.

2.9 Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill lill-Ministru għall-Izvillup Sostenibbli fejn ġie mistieden jagħmel diskors tal-ftuħ ta' l-ewwel workshop tal-proġett Coheirs li ser ikun organizzat bit-titlu 'L-Ambjent u Jien' li ser jittella' nhar il-Ħamis, 31 ta' Ottubru 2013.

2.10 Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill lill-Ministru għas-Saħħa fejn ġie mistieden jagħmel diskors tal-ftuħ għall-workshop tal-proġett Coheirs li ser ikun organizzat bit-titlu 'Saħħtek u l-Ambjent' li ser jittella' nhar it-Tlieta, 19 ta' Novembru 2013.

2.11 Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Għaqda Armar Vittoriosa fejn il-Kunsill intalab iħallas l-ammont ta' €365.80 għal ħsara li ġarrab arblu f'Marzu 2008 meta l-Kunsill kien rama bandiera tiegħu ma' dan l-arblu. Il-Kunsill qabel unanimament li jitħallas dan l-ammont.

2.12 Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill lill-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura dwar ix-xogħlijiet li qed isiru ta' restawr tas-swar u z-zoni tal-madwar fil-Birgu fejn il-Kunsill mhux qed jiġi konsultat b'dak li jkun ppjanat sabiex jingħata l-opportunita' li jagħti s-suġġerimenti tiegħu.

2.13 Inqrat Memo 21/2013 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar linji gwida dwar telefon cellulari tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku qal li kienet saret laqgħa ma' rapprezentant tal-kumpanija Go fejn ġie diskuss kif il-Kunsill setgħa jiffranka mil-kontijiet tat-telefon. Il-Kunsill qabel unanimament li japplika sabiex jiġi mogħti ċellulari b'xejn għall-fini ta' xogħol tal-Kunsill sabiex jiffranka fuq il-kontijet tat-telefon.

2.14 Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill fejn informa lill-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura dwar talba għall-għajnuna teknika li l-Kunsill ressaq għall-attenzjoni ta' Trasport Malta relatata ma' bankina li saret fi Triq Wenzu Dyer kantuniera ma' Triq il-Kardinal. Is-Sindku qal li sa llum il-Kunsill kien għadu ma rċeviex risposta.

2.15 Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Norman Cilia La Corte fejn talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex hu jibda jieħu ħsieb inaddaf is-sur li jigi minn fuq is-Sur tal-Kardinal sal-mina li tagħti għal Fortini. Il-Kunsill qal li ma jsib l-ebda oġġezzjoni għalkemm għalissa ma kienx f'pozzizjoni li jagħti l-approvazzjoni tiegħu.

2.16 Is-Sindku ressaq korrispondenza li l-Kunsill bgħat lis-Segretarju Ċentru Laburista fejn talab il-permess u l-approvazzjoni tal-Kumitat biex mal-faċċata tal-Kazin titwaħħal CCTV camera kif ukoll jiġi nstallat monitor u apparat ieħor relatat. L-iskop ta' din il-camera huwa biex jiġi sorveljat u identifikati l-persuni li qegħdin jagħmlu l-boroz tal-iskart tagħhom f'tarf it-Triq San Filippu kantuniera ma' Misraħ ir-Rebħa.

2.17 Inqrat korrispondenza mibgħuta lill-kordinatriċi s-Sinjura Caroline Farrugia dwar li l-Kunsill ma jsib l-ebda oggezzjoni li nhar il-Ħadd, 31 t'Awwissu 2014 issir promozzjoni dwar il-bank tad-demm fil-pjazza tal-Birgu.

<u>3. Proġetti prezentati lill-Kumitat ta' Riabilitazzjoni tal-Kottonera</u>

3.1 Is-Sindku talab sabiex il-Kunsill jiddeciedi dwar il-proġetti għal ħames spazji zgħar li ġew iddisenjati mill-istudenti tal-Universita' ta' Malta. Is-Sindku ssugerixxa li l-ewwel proġett li jsir ikun tal-laser ħdejn l-Oratorju viċin il-Knisja Parrokjali ta' San Lawrenz u jsir lift fiz-zona Sally Port . Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-proġett għal post ta' kastilja fuq ix-xaqliba tal-Kalkara. Is-Sur Gellel talab sabiex jerga jsir l-arlogg f'Misraħ ir-Rebħa.

<u>4. Deċizjoni dwar il-kwotazzjonijiet ta' Public Sound System u Lighting System matul l-attivita' Birgu Fest 2013</u>

4.1 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill il-kwotazzjoni numru 1 li rċieva dwar l-offerta ta' *Lighting System* fi Pjazza Vittoriosa matul l-attivita' Birgu Fest 2013. L-offerti li ntefgħu kienu mingħand Nexos Lighting Vision għall-prezz ta' €4073.36 u Studio Seven għall-prezz ta' €9650.93. Il-Kunsill qabel unanimament li tintgħazel l-orħos offerta dik mingħand il-kumpanija Nexos Lighting Vision.

4.2 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill il-kwotazzjoni numru 2 li rċieva dwar l-offerta ta' *Lighting System* fit-Torri ta' San Gwann, Belvedere u s-Sur il-Kanuni matul l-attivita' Birgu Fest 2013. L-offerti li ntefgħu kienu mingħand Nexos Lighting & Vision għall-prezz ta' €850, Studio Seven għall-prezz ta' €2436.70 u Lighting Sound Vision għall-prezz ta' €1148.40. Il-Kunsill qabel unanimament li tintgħazel l-orħos offerta.

4.3 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill il-kwotazzjoni numru 3 li rċieva dwar l-offerta ta' *Lighting System Short Film Festival* matul l-attivita' Birgu Fest 2013. L-offerti li ntefgħu kienu mingħand Nexos Lighting Vision għall-prezz ta' €1720.31 u Studio Seven għall-prezz ta' €2475.23. Il-Kunsill qabel unanimament li tintgħazel l-orħos offerta.

4.4 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill il-kwotazzjoni numru 4 li rċieva dwar l-offerta ta' *Lighting System* fl-entratura tal-Birgu matul l-attivita' Birgu Fest 2013. L-offerti li ntefgħu kienu mingħand Nexos Lighting Vision għall-prezz ta' €2242 u Studio Seven għall-prezz ta' €4447.95. Il-Kunsill qabel unanimament li tintgħazel l-orħos offerta.

4.5 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill il-kwotazzjoni numru 1 li rċieva dwar l-offerta ta' *Public Address Sound System* fi Pjazza Vittoriosa matul l-attivita' Birgu Fest 2013. L-offerti li ntefgħu kienu mingħand Studio Seven għall-prezz ta' €3247.07, Digital Magic għall-prezz ta' €1797, A Sound għall-prezz ta' €2000 u Sound Solutions għall-prezz ta' €3068. Il-Kunsill qabel unanimament li tintgħazel l-orħos offerta dik mingħand il-kumpanija Digital Magic.

4.6 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill il-kwotazzjoni numru 2 li rċieva dwar l-offerta ta' *Public Address Sound System* f'Torri ta' San Gwann, Belvedere, Sur il-Kanuni u Short Film Festival matul l-attivita' Birgu Fest 2013. L-offerti li ntefgħu kienu mingħand il-kumpaniji AMAC Ltd għall-prezz ta' €3894, Studio Seven għall-prezz ta' €2889.53, Digital Magic għall-prezz ta' €1399, Audio Works għall-prezz ta' €1000 pero dan il-prezz kien biss għat-Torri ta' San Gwann u Short Film Festival, A Sound għall-prezz ta' €2200 u Sound Solutions għall-prezz ta' €2006. Il-Kunsill qabel unanimament li tintgħazel l-orħos offetta dik mingħand il-kumpanija Digital Magic għall-prezz ta' €1399.

.

5. Proġett biex isir uzu tal-ħadid ta' Belvedere f'Couvre Port

5.1 Is-Sindku talab lill-Kunsill sabiex jiddeċiedi dwar x'ser isir bil-ħadid ta' Belvedere. Is-Sur Gellel issuġġerixxa sabiex dan jeħel fiz-zona tal-mina tal-Fortini 'l barra ta' zewġ naħat tal-*bridge*.

Il-laqgħa spiċċat fl-2.35 ta' wara nofs inhar.

| | |
|---|---|
| Isabella Testaferrata De Noto | ikkonfermati John Boxall |
| Deputat Segretarju Ezekuttiv | Sindku |